

# Il-Ġurnal Ufficijali L 376 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 63

10 ta' Novembru 2020

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### DEĊIJONIJIET

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1658 tas-6 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Uzbekistan mal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġ u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 .... 1
- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1659 tas-6 ta' Novembru 2020 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970 u (UE) 2020/1253, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni ..... 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

**DEĊIJONIJIET****DECİJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1658****tas-6 ta' Novembru 2020**

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Użbekistan mal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġ u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġ u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 (¹) fit-18 ta' Novembru 2016 fis-sede tan-Nazzjonijiet Uniti f'New York, soġġett għall-konklużjoni tiegħu fdata aktar tard. Il-Ftehim daħal fis-seħħ b'mod proviżorju fl-1 ta' Jannar 2017 f'konformità mal-Artikolu 31(2) tiegħu.
- (2) Il-Ftehim ġie konkuż fis-17 ta' Mejju 2019 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 (²).
- (3) Skont l-Artikolu 29 tal-Ftehim, il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (il-'Kunsill tal-Membri') irid jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-adeżjoni ta' gvern mal-Ftehim.
- (4) Il-Gvern tar-Repubblika tal-Użbekistan applika formalment biex jaċċedi għall-Ftehim. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kunsill tal-Membri jiġi mistieden, waqt sessjoni futura tiegħu, jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza, li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Użbekistan fir-rigward tal-ishma ta' parteċipazzjoni fl-IOC u l-limitu ta' żmien għad-dəpożitu tal-istrument ta' adeżjoni.
- (5) Billi r-Repubblika tal-Użbekistan qed tiżviluppa s-setturi taż-żebbuġ tagħha fir-rigward tal-konsum u għandha l-ħsieb li tiżviluppa l-produzzjoni tagħha, l-adeżjoni tagħha taħt ċerti kondizzjonijiet tista' ssahħħah l-IOC, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba ta' uniformità fil-liġi nazzjonali u internazzjonali relatata mal-karatteristiċi tal-prodotti taż-żebbuġ, sabiex jiġi evitat kwalunkwe ostaklu għall-kummerċ.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri, peress li d-deċiżjonijiet li ser jiġu adottati ser ikollhom effetti legali fuq l-Unjoni bil-ħalli impatt fuq il-bilanċ deċiżjonali f-ħdan il-Kunsill tal-Membri meta d-deċiżjonijiet ma jiġux adottati b'kunsens f'konformità mal-Artikolu 10(4) tal-Ftehim,

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġ u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 293, 28.10.2016, p. 2).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar il-konklużjoni fisem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġ u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 139, 27.5.2019, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ waqt sessjoni futura tiegħu, jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza, fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-adeżjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Uzbekistan mal-Ftehim, għandha tkun li tappoġġa l-adeżjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Uzbekistan għall-Ftehim, dment li:

- (a) l-ishma ta' parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Uzbekistan jiġu kkalkulati skont il-formula stabbilita fl-Artikolu 11 tal-Ftehim, u
- (b) il-limitu ta' żmien għad-depożitu tal-istrumenti tal-adeżjoni ma jeċċedix sena u nofs wara d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Membri.

Jekk id-depożitu tal-istrument jiġi pospost, l-Unjoni, f'deċiżjonijiet sussegamenti li jridu jiġu adottati mill-Kunsill tal-Membri, tista' tappoġġa l-estensjoni tal-perjodu għad-depożitu tal-istrument.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ROTH

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1659

tas-6 ta' Novembru 2020

**li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970 u (UE) 2020/1253, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430 (¹) introduċiet deroga ta' xahar mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (²) fir-rigward ta' deċiżjonijiet li tintuża l-proċedura ordinaria bil-miktub, fejn dawk id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (Coreper). Dik id-deroga kienet prevista sat-23 ta' April 2020.
- (2) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/430 tipprevedi li, jekk ikun ġustifikat minn kontinwazzjoni ta' ċirkostanzi eċċeżżjonal, il-Kunsill jista' jgħeddu dik id-Deċiżjoni. Fil-21 ta' April 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/556 (³), estenda d-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430 b'perijodu ieħor ta' xahar mit-23 ta' April 2020. Dik l-estensijni tad-deroga kienet prevista sat-23 ta' Mejju 2020. Fil-20 ta' Mejju 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/702 (⁴), estenda d-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430 b'perijodu ieħor sal-10 ta' Lulju 2020. Fit-3 ta' Lulju 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/970 (⁵), estenda dik id-deroga b'perijodu ieħor sal-10 ta' Settembru 2020. Fil-4 ta' Settembru 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/1253 (⁶), estenda dik id-deroga b'perijodu ieħor sal-10 ta' Novembru 2020.
- (3) Minħabba li għad jeżistu c-ċirkostanzi eċċeżżjonal kikawżati mill-pandemija tal-COVID-19, b'għadd ta' miżuri straordinarji preventivi u ta' konteniment mēħuda mill-Istati Membri, li għadhom fis-seħħ, teżisti l-ħtieġa li tiġi estiża d-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430, kif estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970 u (UE) 2020/1253, b'perijodu limitat ieħor sal-15 ta' Jannar 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430, kif estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970 u (UE) 2020/1253, hija b'dan estiża aktar sal-15 ta' Jannar 2021.

- 
- (¹) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430 tat-23 ta' Marzu 2020 dwar deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 88 I, 24.3.2020, p. 1).
  - (²) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).
  - (³) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556 tal-21 ta' April 2020 li testendi d-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430 fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 128 I, 23.4.2020, p. 1).
  - (⁴) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/702 tal-20 ta' Mejju 2020 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430 u estiża bid-Deċiżjoni (UE) 2020/556 fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 38).
  - (⁵) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/970 tat-3 ta' Lulju 2020 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556 u (UE) 2020/702, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 216, 7.7.2020, p. 1).
  - (⁶) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1253 tal-4 ta' Settembru 2020 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702 u (UE) 2020/970, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 294, 8.9.2020, p. 1).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ROTH

---



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea  
L-2985 il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT